MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 164/2005

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Dicembru 2003 (Dok A).

Illi l-istess zwieg kien ivvizjat stante li l-kunsens tal-poartijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet jew ta' wiehed minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal- gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, jew b'anomalija psikologika serja li

taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet jew ta’ xi wiehed minnhom inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghax qatt ma gie kkonsmat.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-28 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha d-Deputati Kuraturi eccepew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat eventwalment assuma l-atti u ppresenta nota tal-eccezzjonijiet fid-29 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha l-konvenut B eccepixxa:

Illi l-konvenut kien iltaqa’ ma l-attrici u ftit taz-zmien wara bdew jghixu flimkien;

Illi sussegwentement, u cioe wara sentejn circa li kienu ilhom jirrisjedu flimkien, il-kontendenti kien zzewgu bir-rit Musulman fid-29 ta’ Mejju 2003, u aktar tard fir-Registru Pubbliku, nhar is-17 ta’ Dicembru 2003;

Illi frott ta’ dan iz-zwieg twieled il-minuri, fit-3 ta’ Jannar 2004;

Illi z-zwieg beda jiddeterjora wara t-twelid tal-minuri;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit ta’ l-attrici u ta’ omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Frar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-17 ta’ Dicembru, 2004 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Eventwalmet zdiedet ukoll il-kawzali ai termini ta’ l-Artikolu 19 A. Il-konvenut ghalkemm ippresenta eccezzjonijiet ma ressaqx provi.

Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz bhal dak odjern ghalkemm il-Qorti sabitha difficli tifhem jekk il-konvenut hux qed jopponi t-talba attrici jew le.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

Skond dak li qalet l-attrici hija izzewget lill-konvenut hgaliex harget tqila mir-relazzjoni li kellha mieghu u billi gia' kellha zewgt itfal minn relazzjoni ma' persuna ohra, hasset li ma setghetx taghmel mod iehor. Infatti skond hi, wara z-zwieg ma ghexux wisq flimkien u wara t-twelid tat-tifel taghhom ma regghux kellhom x'jaqsmu sesswalment. Ghalhekk ironikament ghalkemm kellhom relazzjonijet sesswali qabel iz-zwieg, skond l-attrici, teknikament iz-zwieg ma kkonsmawhx. Il-Qorti ghandha d-dubbji taghha kemm tista' taccetta din it-tezi izda billi jirrizultawlha kawzali ohra mhux se tikkumenta iktar. Dan ghaliex huwa car li l-attrici zzewget mhux biex ikollha zwieg stabbli izda biex ikollha missier ghal binha, jekk ma kellhiex ghat-tfal l-ohra. Il-konvenut kif gia' inghad ma ressaqx provi. Ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-17 ta' Dicembru 2003. L-ispejjes, komprizi tal-kuraturi jithallsu mill-attrici izda l-konvenut ghandu jbati l-ispejjes tieghu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------